CittaNotabile

# Minuti tal-laqgha numru 37 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 22 ta' Marzu 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter SantManduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**37.1** **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

37.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 36 gew approvati

**37.3** **<u>Tender MLC 1/16- Aġġudikazzjoni</u>**

37.3.1 Is- Segretarju poġġa fuq il-mejda tal-Kamra rapport ta' evalwazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport ngħata lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

37.3.2 Is- Sindku qal li filwaqt li ekonomikament l-offerta ta' WM Environmental Ltd kienet l-aħjar, il-Kunsill irid jibbaza d-deċizjoni tiegħu fuq l-aktar offerta vantaġġjuza u mhux il-prezz biss. Huwa kompla qal li WM Environmental Ltd kellu kuntratt simili mal-Kunsill tal-ġonna li skada ftit ilu fejn fost affarijiet oħra hemm il- knis u tbattil ta' dustbins pero' sfortunatament kemm il-darba ġie mwissi b'mod formali biex is-sitwazzjoni tas-servizz tiġi mtejba.

37.3.3 Fid-dawl ta' dawn il-fatti kif ukoll li l-għazla trid ssir fuq il-prinċipju ta l-aktar offerta vantaġġjuza kemm bħala prezz u kemm bħala servizz is- Sindku, kien tal-fehma li dan il-kuntratt jingħata lil Charles Gauci fejn barra li hu l-kuntrattur attwali tal-kunsill u li bħala xogħol, il-kunsill huwa ferm kuntent bih huwa ukoll kuntrattur li tista' tafda fih.

37.3.4 Il-Kunsill b'mod unanimu għazel l-offerta ta' Charles Gauci

**37.4 Ħatra ta' Bord- Tender MLC 2/16**

37.4.1 Is- SE talab lill-Kunsill li jinħatar bord ta' tlett kunsilliera biex jkunu jistaw jevalwaw l-offerti li ntefgħu fir-rigward tat-tindif tal-ġonna.

37.4.2 Il-Membri maħtura kienu is- Sur Peter Sant Manduca, s-Sinjura Camille Scerri u s- Sinjura Maryanne Sultana.

**37.5 Korrispondenza**

37.5.1 MEMO 7/2016 (DLG)- Rapporti Pubbliċi Fuq www.lc.gov.mt

37.5.2 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Laqgħa tas- Sindki nhar il-Gimgħa 6 u s- Sibt 7 ta' Mejju 2016

37.5.3 Talba mingħand Fenech and Fenech Advocates biex tinkera " It-Tomba". Il-Kunsill aċċetta li din tinkera għas-somma ta' € 200.

37.5.4 Ittra mingħand il-Bord tal-Kultura DLG fejn ġejna nfurmati li ser tingħata s-somma ta' € 10,000 għal Medieval Mdina.

37.5.5 Talba mingħand il-Hospice Movement għal no objection mill-Kunsill fir-rigward ta' l-attivita' organizzata mill-Inspire ġewwa l-Foss ta' L-Imdina. Il-Kunsill approva.

37.5.6 Ittra mibgħuta mill- Avukat tal-Kunsill lis- Sur Robert Cassar fir-rigward talba għal kumpens fuq inċident bil-mutur fejn din ġiet rrifjutata mill-Kunsill.

37.5.7 Talba minn Paul Volodymr biex juza s-sala tal-Kunsill għal Malta International Music Competition. Il-Kunsill din id-darba minħabba problemi finanzjarji qed jitlob li jkun hemm administration fee ta' € 500.

**37.6 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash**

37.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-17 ta' Frar 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22,065.62.

37.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**37.7** **<u>Affarijiet oħra meqjusa urġenti</u>**

37.7.1 Is-Sindku talab lis- SE biex jkellem lis- Spettur Mercieca biex jara li l-karozzini jzommu posthom taħt il-*horse shed* il-ġdida u jzommu l-ordni.

37.8.1 Is- Sindku talab lis SE biex jirraporta lil Enemalta li fejn il-bus terminus, id-dawl tat-triq mitfi

37.8.2 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-audit ser isir minn nhar L-Erbgħa, 13ta' April sal-15 ta' April 2016.

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 12 ta' April 2016.

| | |
|---|---|
| _____________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |